DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2019/1200 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tal-10 ta' Lulju 2019

li taħtar Imħallfin fil-Qorti Ġenerali

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandat ta' tlieta u għoxrin Imħallef fil-Qorti Ġenerali ser jintemm fil-31 ta' Awwissu 2019.

(2) Jenħtieġ li jsiru ħatriet sabiex jimtlew dawn il-karigi għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2025.

(3) Is-Sur Roberto MASTROIANNI u s-Sinjura Ornella PORCHIA ġew innominati għall-ewwel mandat bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali biex jissostitwixxu lis-Sur Guido BERARDIS u lis-Sur Ezio PERILLO rispettivament.

(4) Il-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-adegwatezza ta' dawn il-kandidati għall-qadi tal-funzjonijiet ta' mħallef fil-Qorti Ġenerali.

(5) Għalhekk huwa xieraq li s-Sur Roberto MASTROIANNI jinħatar biex jissostitwixxi lis-Sur Guido BERARDIS, u li s-Sinjura Ornella PORCHIA tinħatar biex tissostitwixxi lis-Sur Ezio PERILLO għall-ewwel mandat bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-segwenti għandhom jinħatru Mħallfin fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2025:

— Is-Sur Roberto MASTROIANNI,

— Is-Sinjura Ornella PORCHIA.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Il-President

M. RISLAKKI